A.L. 144 ta' l-1997

ATT TA' L-1997 DWAR SELF LOKALI U SELF IEĦOR (ATT NRU. VI TA' L-1997)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għall-Ħruġ ta' Lm5,000,000 6.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IS-SITT ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor u bl-artikoli 4(1)(a), 31(a)(b) u 32 ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ awtorizza l-ħruġ ta' Lm5,000,000 6.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jifthu t-Tnejn 6 ta' Ottubru, 1997 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar is-Sibt, 18 ta' Ottubru, 1997 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. L-għoti ta' l-i*Stock* jingħata lil min japplika l-ewwel, iżda tingħata preferenza lill-applikanti li m'humiex istituzzjonijiet bankarji.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm5,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

5. Mid-data ta' l-għeluq, wieħed minn kull ħamsa mit-total tal-bilanċi li jkunu jinsabu fil-kreditu tal-Fondi tal-Ammortizzament ta' dawk l-i*Stocks* iddikjarati li ser jiġu mifdija fis-sitt avviżi tat-Teżor li

ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Settembru, 1997 jiġu trasferiti għall-Fond ta' Ammortizzament 6.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (VI) sabiex jinfeda l-i*Stock*. Barra minn dan, approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm50,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni fl-istess Fond ta' Ammortizzament. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-aħħar sitt xhur tas-sena 1998.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.325 għal kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu mid-19 ta' Ottubru, 1997 sat-30 ta' Marzu, 1998 għandu jsir fit-30 ta' Marzu, 1998.

Fidwa ta' Stock.

7. L-i*Stock* jinfeda b'parità fit-30 ta' Settembru, 2000.